# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Daniele Festari u Redeemer Bonnici**

***30 ta' Settembru 2015***

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` ***Daniele Festari*** ta' 18 il-sena, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 109896M u ***Redeemer Bonnici,*** detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 10994M u li ġew

mixlija talli nhar is-17 t'Awissu 2014, għal ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' fil-għodu ġewwa Paceville, San Ġiljan :

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċjoe' kontra s-surġent PS887 Stefan Mercieca u persuni oħra bħala uffiċjali pubbliċi, waqt li qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi;
2. Għamiltu offiża ta' natura ħafifa fuq is-Surġent PS887 Stefan Mercieca, liema persuna hija inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel san is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. Bi vjolenza ġiegħel lis-Surġent PS887 Stefan Mercieca, u persuni oħra bħala uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-18 t'Awissu 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputati filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputati, huma wieġbu li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta′ nota ta′ rinviju għall-ġudizzju datata 20 ta′ Frar 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront tal-imputati indiskriminatament fl-Artikoli 17, 18, 23, 31, 91, 95, 96(a), 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputati hawn fuq imsemmija sabiex jiui ġġudikati minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-24 ta′ Frar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni m′għandhiex aktar provi x′tipproduċi f′dan il-każ u matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputati, staqsiethom jekk kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati żmien xieraq biex iwieġbu għal din il-mistoqsija, huma wieġbu li ma' kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta′ din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u kkonvertiet ruħha f′Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali.

Semgħet ix-xiehda tal-imputati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Dan huwa każ li tnissel minn argument li nqala bejn Redeemer Bonnici u uffiċjal ta' sigurta ta' club f'Paceville fid-data u fil-hinijiet inkriminati, liema inċident eskala b'mod esponenzjali.

Din il-Qorti tagħmilha ċara mill-bidu nett li hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-verżjoni tal-fatti skont kif rakkuntata mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti għarblet ix-xiehda kollha bil-kriterja stabbiliti fl-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali u tqis li minħabba esaġerazzjonijiet, inverosimilitudni u kunflitti fil-verżjonijiet tal-imputati u tax-xiehda ta' Charlot Bonnici u Dylan Bonnici, ir-rakkont tal-fatti skont ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma ġie intakkat. Jifdal għalhekk li jiġi analizzat jekk fl-isfond tal-fatti kif rakkontati mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni, ġewx integrati r-reati inkriminati fil-konfront tal-imputati.

Il-Qorti tqis li mill-provi proditti hija konvinta moralment li dakinhar tal-inċident għal xi raġuni li jaf hu biss, Bonnici telaq flixkun tal-ħġieġ

minn idejh mal-art b'mod li dan wara inkiser. Dan għamel ħoss ġibed l-attenzjoni ta' uffiċjal tas-sigruta' ta' Club viċin, kif ukoll ta' xi Pulizija li kienu viċin. Minn naħa tiegħu dan l-uffiċjal tas-sigurta, li b'xorti ħażina l-identita tiegħu baqgħet mistura, irrivolġa l-kelma lil Bonnici u għajru li kien "bodbod". Kelma ġabet lill-oħra, għax Bonnici ma qagħadx għal dan l-insult, u dawn it-tnejn spiċċaw fl-idejn. Kellhom jintervjenu wkoll il-Pulizija biex is-sitwazzjoni tikkalma xi ftit.

Iżda irriżulta li minkejja li ġie allontant, Bonnici baqa' għaddej bil-kliem ta' tgħajjir u offiżi lejn il-persuni tas-sigurta' li magħhom kellu l-argument. Agħar minn hekk pero, meta intebaħ li huwa kien qiegħed jiġi eskortat u arrestat, Bonnici irrabja lejn il-Pulizija u beda jirritalja billi wera attitiduni aggressiva versu l-Pulizija li kienu qegħdin jeskortawh lil hemm lejn il-vann tal-Pulizija li kien jinsab ftit il-bogħod minn fejn seħħ dan l-inċident mal-aġenti tas-sigurta' hawn fuq imsemmija. Bonnici ġie mdaħħal fil-vann tal-Pulizija.

Biss din l-istorja ma waqfitx hemmhekk għaliex hekk kif kien ġie arrestat u eskortat lejn il-van tal-Pulizija, mhux biss l-imputat baqa' jippersisti fl-attitudni vjolenti lejn il-Pulizija bil-kliem u bl-egħmil, iżda issa ingħaqad ukoll miegħu l-imputat Festari fejn, minbarra li qal kliem offensiv fil-konfront tal-Pulizija, meta ra' li Bonnici ġie arrestat u meħud fil-vann tal-Pulizija, ippretenda lill-Pulizija li kienu qegħdin jippruvaw jikkontrollaw il-folla u l-kommozzjoni li qamet, iħalluh għaddej ħdejn Bonnici. Fil-fatt kien hemm żewġ Pulizija nisa li xehdu wkoll li meta kienu qegħdin jippruvaw iżommu lil Festari lura milli jibqa' dieħel

ħdejn Bonnici li kien qed jittieħed fil-vann tal-Pulizija, u jippruvaw ifehmuh bil-kelma t-tajba biex jiddeżisti mit-tentattiv tiegħu li jgħaddi ħdejn Bonnici, Festari baqa' jippersisti, minkejja l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Pulizija upprova jgħaddi minn bejniethom xorta waħda. Minħabba dan l-atteġġjament antagonista ta' Festari, kellu jintervjeni wkoll PS887 Stefan Mercieca. Kemm minħabba dan l-atteġġjament konfrontattiv u li beda jsir aggressiv ta' Festari fil-konfront tal-Pulizija nisa, kif ukoll minħabba li Festari ma bediex jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-istess Pulizija, PS887 iddeċieda li jmur biex jarresta lil Festari. Iżda dan, minflok obda l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija għażel li jkompli bit-triq antagonista u ta konfront b'mod li saħansitra beda jgħajjar lill-Pulizija, meta kien ġie arrestat imbotta lill-PS887 li mal-imbottatura għeleb lura bil-konsegwenza li spiċċa mal-art u faqqgħet irkobtu. Il-Pulizija iddeskrivew ukoll kif Festari prova jirreżisti l-arrest.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova soddisfaċentement l-elementi tat-tielet imputazzjoni. Ma jirriżultax li bl-azzjoni tagħhom Festari jew Bonnici bil-vjolenza jew b'theddid **ġiegħlu** lil PS887 li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu. Dak li PS887 kien fid-dover li jagħmel għamlu. L-element tal-vjolenza eżerċitat f'modalita' u fi gradi differenti minn Festari u Bonnici ma kienx tali li

ġiegħel lil PS887 li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu. Anzi huwa weġġgħa preċiżament għaliex kien qiegħed u kien wettaq dak li kien fid-dover li jagħmel – u ċjoe jrażżen il-ksur tal-Liġi mill-azzjoni tal-imputati. L-element tal-vjolenza u theddid eżerċitat kontra PS887 ma kienx dak li ġiegħlu jew ma ġegħlux jagħmel dak li kien tenut jagħmel. Anzi għall-kuntrarju huwa aġixxa liberament u delibberatament sabiex jagħmel dak li kien mistenni li jagħmel u li huwa effettivament għamel – u ċjoe sabiex bħala Surġent tal-Pulizija jintervjeni sabiex jrażżan u jwaqqaf il-ksur tal-Liġi u l-kommissjoni ta' reati kriminali. Biex huwa aġixxa ta' Surġent tal-Pulizija u eżerċita s-setgħat tiegħu bħala tali ma ġiet eżerċitata ebda vjolenza jew theddid fuqu. L-anqas ma jirriżulta li ġew eżerċitati vjolenza jew theddid biex ma jwettaqx dmiru ta' Surġent tal-Pulizija.

Għalhekk l-imputati sejrin jiġu liberati minn kull ħtija u piena rigward din it-tielet imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi sabiex tiddelibera l-kumplament tal-imputazzjonijiet, din il-Qorti tqis li għandha tagħmel distinzjoni bejn l-imputati.

**<u>Redeemer Bonnici</u>**

Mill-provi prodotti jirriżulta li meta ġie arrestat mill-Pulizija wara li nqalgħa l-argument mal-aġenti tas-sigurta dan minflok ma waqaf u obda l-ordinijiet mogħtija lilu mill-Pulizija, dan kompla jitmasħan kemm mal-aġenti tas-sigurta, iżda aktar agħar wara li intervjenew il-Pulizija dan beda jeħodha kontrihom. Dan jirriżulta ampjament mix-xiehda ta' PS887 fejn a fol 85 jgħid li Bonnici kien qiegħed "jiġi mmexxi mill-Pulizija għax kien letteralment aggressiv. Kien aġitat".

PS1349 a fol 105 jgħid li meta l-Pulizija kienu qegħdin iżommuh "baqa' jħebb għalina". Qabel arrestawh PS1349 jgġid li l-Pulizija pruvaw ikelmuh bil-kelma t-tajba biex jitlaq minn dak il-post – u dan meta fil-bidu kien għadu f'"kundizzjoni tajba" – ċjoe qabel ma beda jirritalja kontra l-Pulizija. Pero wara beda jgħidilhom li ser jurihom "ġismu" u beda jgħid "li ħa joqtol lil dan u lil ieħor". Għalkemm dan id-diskors jidher li għal bidu kien rivolt lejn il-bouncers, pero dan is-Surġent itenni li mbagħad din it-tmasħina ta' Bonnici daret fuqhom għax huma baqgħu hemmhekk. PS1349 jagħmel enfażi wkoll li Bonnici ma riedx jobdi l-ordnijiet tagħhom. Inoltre a fol 113 jgħid li meta ddaħħal fil-vann, Bonnici beda "jiġġieled naqra ġol van, iħabbat idejh mal-vann".

Li Bonnici kien aġitat huwa wkoll konfermat mix-xiehda ta' kuġinuh stess Charlot Bonnici fejn jgħid li dan l-istess xhud beda jipprova jikkalmah ukoll.

Inoltre, Bonnici stess jammetti li huwa kellu "argument" ma' Pulizija. Fil-fatt fl-istqarrija tiegħu a fol 15 jgħid li "Jiena argument ma pulizija wieħed biss kelli, kien liebes l-iswed u kien fih naqra persuna. Lili ma ghamilli xejn, il-bouncers ta' SO City ghamluli biss. L ebda pulizija ma weggani lili".

Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita'.

Fil-fehma tal-Qorti dan il-każ jikkolloka ruħu pjenament f'dan il-fatt. Jidher li l-imġieba ta' Bonnici kienet waħda imqanqla u aggressiva fil-konfront tal-aġenti tas-sigurta' wara li dawn jidhru li għamlu għalih

għaliex kien kisser flixkun. Pero aktar minn hekk jidher li l-imġieba ta' Bonnici mal-Pulizija xejn ma nbidlet. Din il-Qorti ma tistax temmen lil Bonnici li jgħid li f'dak il-mument ma ntebaħx min kienu l-Pulizija u min kienu l-aġenti tas-sigurta. Huwa minnu li t-tnejn normalment ikunu lebsin ilbies skur – pero bejn l-uniformi ta' Pulizija tal-RIU u l-ħwejjeġ li jilbsu ċerti aġenti tas-sigurta' hemm differenzi li min ikun f'sensih ikun jista' jara. Anzi, għalkemm Bonnici jiċħad dil-Qorti hija konvinta moralment mill-provi li semgħet li l-Pulizija tal-RIU kienu lebsin l-uniformi s-sewda li hija mġarrba b'tali mod, li fiha marki distintivi u li jkollhom ukoll ċintorin bl-attrezzi tagħhom li jkunu jidhru li huma Pulizija u mhux aġenti tas-sigurta. Apparti minn hekk jirriżulta li l-Pulizija kienu wkoll lebsin il-beritta tas-servizz, għalkemm Bonnici jiċħad dan. Inolte l-Pulizija qabel proċedew għall-arrest ta' Bonnici pruvaw iwissih bil-kelma t-tajba biex jiddeżisti u jitlaq minn fuq il-post. Del resto Bonnici stess jgħid fl-istqarrija tiegħu li l-pulizija ma għamlulu xejn lilu – minkejja li kellu "argument" ma wieħed minnhom.

U huwa preċiżament dan il-punt li Bonnici jrid jifhem. Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-

riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[1] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:- kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt.

Il-Qorti tista' tifhem li Bonnici setgħa ħassu qed jiġi arrestat inġustament għaliex skontu kien għadu kif qala daqtejn mingħand l-aġenti tas-sigurta' għal xejn b'xejn u li l-Pulizija minflok marret għal dawk l-aġenti tas-sigruta' daret għalih.[2] Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument Bonnici kellu raġun iħossu inġustament arrestat, ir-reazzjoni tiegħu ma kellhiex tkun dik deskritta mill-Pulizija li xehdu f'dan il-każ. L-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Pulizija huwa ma rrikorriex għall-metodu legali biex jagħmel ir-rimostranzi tiegħu ċjoe li **jobdi l-ordni leġittimu mogħti mill-pulizija bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-**

[1] Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Gunju 1997.

[2] Ħalliha li minn dak li deher quddiem din il-Qorti ix-xrara kollha li qabdet dil-ħuġġieġa kien il-flixkun tal-ħġieġ li kisser Bonnici.

**ordni.** Kieku għamel hekk l-effetti ta' dan l-inċident ma kienux ikunu daqshekk gravi kontrih. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza. U jekk kellu raġun, issa spiċċa li poġġa lilu nnifsu fit-tort.

Issa għalhekk f'dan il-każ ta' Redeemer Bonnici l-Qorti tqis li għandu japplika dak li għallem l-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn qal li : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Issa f'dan il-każ, din il-Qorti tħoss li dak li għamel l-imputat kien preċizament li rrezista lill-Pulizija għax kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u din il-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li bl-aġir tieghu l-imputat Bonnici spinġa jdejh fuq il-Pulizija li kienu qegħdin izommuh **biex joffendihom fuq il-persuna tagħhom**.

F'dan is-sens il-Qorti tqis li Bonniċi m'għandux jiġi ritenut ħati tal-ewwel imputazzjoni tal-attakk u reżistenza ai termini tal-Artikolu 96 tal-

Kodiċi Kriminali. Iżda meta fliet il-provi prodotti, għalkemm huwa ma kkawżax l-offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tas-Surġent 887 Stefan Mercieca, xorta waħda rrenda ruħu ħati ta' inġurji jew theddid fil-konfront ta' Pulizija, ċjoe persuni inkarikati skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u b'hekk mill-provi miġbura jirriżulta integrat ir-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi skont l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

**Daniele Festari**

Jekk l-azzjoni u r-reazzjoni ta' Redeemer Bonnici fil-konfront tal-Pulizija kienet waħda mhux għaqlija u inkonsulta, dik ta' Festari rriżulta li kienet agħar. Festari daħal f'din l-istorja inutilment u kemm ir-reazzjoni tiegħu kif ukoll l-azzjonijiet tiegħu lejn il-pulizija rriżultaw li kienu ta' gravita' akbar minn dik murija u mwetqa minn Bonnici.

Ġie soddisfaċentement ippruvat li Festari mhux biss irrivolġa kliem inġurjuż fil-konfront tal-Pulizija talli wkoll assuma atteġġjament vjolenti lejn il-Pulizija. Festari setgħa ħassu urtat, irrabjat u mdejjaq jara lil sieħbu jiġi arrestat, skontu inġustament. Iżda anke Festari kien fid-dmir

li jobdi mingħajr dewmien u xeni l-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija salv id-dritt li jirreklama wara l-ġustizzja intrinseka ta' dawk l-ordnijiet mogħtija lilu. Anke Festari dan ma għamlux u għażel li jeħodha kontra l-Pulizija.

Qabel xejn hemm diversi aġenti tal-Pulizija, inkluż il-pulizija nisa, li tennew li meta huma kienu qegħdin iżommu l-folla milli tersaq lejn fejn kienu qed jieħdu lil Bonnici, Festari ipprova jgħaddi minn fosthom, minkejja li qalulu biex iżomm lura. Issa din il-Qorti ma tistax tifhem kif Festari, konfrontat b'sitwazzjoni fejn aġenti tal-Pulizija qegħdin jagħtuh ordni biex joqgħod lura jippretendi li jgħaddi xorta waħda. Iżda mhux biss. Mix-xiehda tal-pulizija nisa WPS139 u WPC166 jirriżulta li Festari mhux biss pretenda li jgħaddi, iżda wkoll beda jimbuttahom bil-kontra. A fol 124 u 125, WPS139 tgħid :

> Ezatt ġie quddiemna meta bdejna nersqu n-nies lura. Dan beda jgħidilna "dan ħabib tiegħi irid nara xi gralu", aħna għidnilu "għal issa ersaq lura m'għandekx x'taqsam" u beda jimbuttana bil-kontra biex qisu jmur kontra l-ordni li bdejna nagħtuh....aħna bdejna inresqu n-nies lura, bdejna nzommu barrier, bdejna nzommu idejna naqra 'l barra biex nilqgħu għal forsi xi ħaga u nresqu n-nies lura u hu bil-kontra qabad u bbuttana lura hekk, konna jiena u PC oħra...Imbuttani bil-forza lejna imbagħad kemm hu vera kien hemm Surgent ieħor li kien qed jassisti l-arrest fuq wara li ra li qisa ma aħniex qed nikkontrollaw is-sitwazzjoni u daħal hu f'nofsna u beda jipprova jikkontrollah hu.

A fol 137 u 138, WPC 166 tgħid : -

> Ehe, inġabru ħafna nies, is-soltu, sħabu, imbagħad jiean u s-Surġent il-139 għax bdew jippruvaw jgħaddu minn fuqna għax aħna konna hekk ma' l-genb ta' l-van, bdejna ngħidulhom speċi ersqu lura tkomplux tkabbru l-affarijiet u hekk imma... (Daniele

> Festari) ... baqa' jirsisti li jrid jidħol jiġifieri għal darba, darbtejn, tlieta jiġi fuqi u fuq is-Surġent, jipprova jgħaddi minn nofsna insomma jiġifieri imbnagħad kif is-Surġent 887 ra li aħna ma nistgħux inlaħħqu miegħu , dan il-ħin kollu jipprova jiġi fuqna jrid jidħol bil-fors gie arrestah hu..... (a fol 140) .... għax hu beda jirsisti biex bil-fors imur fejn sieħbu u aħna għidnielu.... Għax hu as such beda jimbotta hekk... Biex jidħol bil-fors, jipprova jgħaddi minn ħdejna u aħna bdejna ngħidulu speċi.

Festari hawnhekk jidher biċ-ċar li ma riedx joqgħod għall-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-aġenti tal-Pulizija u saħansitra beda jimbuttahom kontra biex minflok jobdi l-ordni li ingħata jittanta jwettaq dak li kellu f'moħħu u ċjoe li jidħol fil-post fejn il-Pulizija kienet qegħda tipprova ma tħallihx jgħaddi.

Agħar minn hekk isegwi dak li seħħ wara meta intervjena PS887 Stefan Mercieca. Fix-xiehda tiegħu a fol 87 u 88 dan itenni bla tlaqlieq li Festari, li kien wieħed minn dawk it-tlieta minn nies li kienu mexjin wara Bonnici waqt li kien qed jiġi eskortat lejn il-vann, bdew jidgħu :-

> faħxi b'Alla, bil-Madonna saħansitra s-Sur Festari anke uliedi weħlu miegħu.... f... ommi, f...missieri, f... uliedi, f...familti u mbagħad x'ħin ġejna biex narrestaw jiena u wieħed minn ta' l-RIU, lili mbuttani, spiċċajt ma' l-art u faqqet irkupptejja.

A fol 89 itenni li Festari kien qiegħed jirreżisti l-arrest tiegħu waqt li dan ix-xhud u PS1349 kienu qegħdin jeżegwixxu l-arrest tiegħu – tant li PS1349 spiċċa bil-flokk tal-uniformi imqatta'. Wara li Festari irreżista l-arrest u PS887 spiċċa mal-art iwaħwaħ bl-uġiegħ ġew rinforzi li mbagħad ikkontrollaw lil Festari. PS887 weġġgħa saqajh wara li huwa

ġie imbuttat lura minn Festari u meta huwa ġie imbuttat lura, siequ mxiet lura u kien hemmhekk li siequ ċediet – fis-sens li ġie ħażin fuq sieq minnhom wara li kien żbilanċjat bl-imbottatura. Minn hemmhekk mar l-isptar.

Din l-azzjoni ta' Festari li jimbotta lil PS887 seħħet fil-mument meta PS887 u PS1349 kienu qegħdin jeżegwixxu l-arrest kontra tiegħu. Dan jirriżulta mhux biss mix-xiehda ta' PS887 iżda wkoll xiehda oħra. A fol 126, WPS139 tgħid li finalment innutat li kien ġie arrestat ukoll u taf li weġġgħa PS887. A fol 139, WPC166 tghid li PS887 arrestah lil Festari u mbagħad x'ħin ħadu lejn il-van hi ma setgħetx tkompli tara sewwa pero imxiet biċċa u rat lil PS 887 ġej minn naħa ta-Paper Mint izappap "għax mid-dehra kien weġġa' minn xi ħadd minnhom".

Minn naħa tiegħu PC488 a fol 144 u 145 jgħid hekk : -

> Hi xi ħaġa li meta tarresta lil xi ħadd jiġu sħabu u jridu bil-fors joħorġuh. Issa f'dan il-kaz partikolari jidhirli li nġabru bejn erbgħa u ħames żagħżagħ li riedu bil-fos "oħorġuh minn hemm", tgħajjir, theddid ġieli, kliem ħażin pero fost dawn iż-żagħżagħ....wieħed minnhom beda jispiċċa (*sic! jispikka*) iktar minnhom li huwa....(Daniele Festari)... u beda kien qisu aktar aggressiv minnhom magħna u "oħorġuh minn hemm"... Għax l-oħrajn bdew iżommuh, jigbduh lura u hu beda ji il-ewwel wieħed magħna, quddiemna, kważi kważi facca a facca magħna u dan beda jirsisti. Issa ma' ġenbi kien hemm PS 887 li kien qiegħed magħna f'dak il-grupp ta' wara u inqala' xi ħaġa miegħu jiġifieri kien hemm xi kliem li s-Surġent deherlu li jrid jarrestah, jiena kien hemm kommissjoni ... jiġifieri kien hemm storbju, għajjat...pero' s-Surġent l-887, PS 887 deherlu li jrid jarresta lil ... (Festari) ... Irrezistih, meta qallu "ejja miegħi", l-ieħor għamel il-forza ... b'tali mod u manjiera li mbotta, użda l-forza fuq is-Surġent .... fil-konfront ta' dak il-mument s-Surgent zbilancja ruħu u waqt li waqa', huwa u nieżel, faqqatlu irkupptejh...kont hemmhekk jiena (bogħod) ...erbgħa metri.

F'dan ix-xenarju probatorju, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li Festari qabeż bil-kbir il-limiti tal-possibilita' ta' rimostranza sempliċi. Il-Qorti terġa ttenni dak mistqarr aktar il-fuq fis-sentenza ġja ċitata ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn l-Imħallef harding qal li : -

> Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Jirriżulta li meta seħħ dan l-inċident u ps 887 ġie mbuttat lura, huwa kien qiegħed fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu kif ukoll jeżerċita setgħa fil-vesti tiegħu ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li l-Pulizija de quo, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ġie attakkat (jew aħjar attakkati – għax kien hemm aġenti tal-pulizija oħra li sofrew konsegwenzi) bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, <u>**fil-waqt**</u> li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi <u>**u**</u> l-attakk jew reżistenza hija sorretta kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Inoltre, fil-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deċiż nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tingħata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti ġiet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-eżekuzzjoni tal-liġi hija meħtieġa. Hekk per eżempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali ta'

diversi Stati Taljani, inkluż dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi għar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Malti jidher modallat), jagħti s-segwenti eżempju : -

> 8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **<u>nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni</u>** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg."* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirriżulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjaħ minflok "ribellione" u dan fuq it-tagħlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bażi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jiġu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pożittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi" u ċioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem għalhekk antagoniżmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-eżercizzju tiegħu.

F'dan il-każ, dawn l-elementi kollha jissussistu u l-Qorti tqis li r-reati imsemmija fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali ġew integrati fil-konfront ta' Festari.

Illi kwantu għar-raba' imputazjzoni, din il-Qorti tqis li din ukoll ġiet integrata bl-attitudini tal-imputati, għalkemm b'modi diversi. Skont dak mistqarr fil-kawża ***Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro*** deċiża mill-Qorti

tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju 2013 mill-Imħallef Lawrence Quintano : -

Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading mo dern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. said:

'T. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.'

Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.

Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tar jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li

minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.

F'dan il-każ, mix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Pulizija, kif ukoll mix-xiehda tal-kuġini ta' Bonnici stess jirriżulta ppruvat soddisfaċentement li dan l-element tal-apprensjoni u allarm fil-fatt seħħ u kien tali li ma jħallix dak is-sens ta' trankwillita' fiċ-ċittadinanza.

***DECIDE***

Li ssib :

A lil **Daniele Festari**, mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali jiġifieri l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 91, 95, 96(a), 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li rat il-fedina penali netta tiegħu nonche semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Dottor Hugh Peralta, tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

Inoltre stante li dan ir-reat twettaq wara d-daħla fis-seħħ tal-awment fil-pieni kontemplati għar-reati de quo fejn inter alia minbarra l-possibilita ta' piena karċerarja hemm ukoll tassattivament l-imposizzjoni ta' multa li tvarja bejn l-erbat elef euro (€4000) u l-għaxart elef euro (€10,000),

flimkien ma din l-ordni, il-Qorti qegħda wkoll tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' ħamest elef euro (€5000).

B Li ssib lil **Redeemer Bonnici**, mhux ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali jiġifieri l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 91, 95, 96(a), 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li rat il-fedina penali netta tiegħu nonche semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Dottor Roberto Montalto, tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

Inoltre stante li dan ir-reat twettaq wara d-daħla fis-seħħ tal-awment fil-pieni kontemplati għar-reati de quo, fejn inter alia minbarra l-possibilita ta' piena karċerarja hemm ukoll tassattivament l-imposizzjoni ta' multa li tvarja bejn it-tminn mitt euro (€800) u l-ħamest elef euro (€5,000), flimkien ma din l-ordni, il-Qorti qegħda wkoll tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elf u ħames mitt euro (€1500).

***30.ix.2015***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***